**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 115/2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Hubert Cini)**

**vs.**

**Ricardo Micallef**

Illum il-15 ta' Dicembru 2022

Il Qorti:

Rat li l-pulizija ressqet lil Ricardo Micallef, 65 sena, iben il- mejtin George u Tessie xebba Spiteri, imwieled Haz Zabbar nhar il- 24/12/1953 residenti 22 Pendiana House, Triq Odilone Caruana , Hal Tarxien, detentur tal- karta tal-identita' numru 78654M.

U akkuzatu talli nhar il- 21 ta' Frar 2019, għal ħabta tal- 16:15 hrs., fil- Bandli ta' Rahal l- Gdid bejn Triq Guze' D'Amato u Triq il- Knisja, Rahal l- Gdid, f'Malta

mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tal-mara tiegħu Jenny Sango Micallef, ġrieħi ta' natura gravi, jew iġibilha disordni f'moħħha kif iċċertifikat Dr. Daniel Agius Lauretta Reg. No. 3939 mill- Isptar Mater Dei.

U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ħebb għall-persuna ta' Jenny Sango Micallef sabiex jinġurjaha, idejjaqha jew jagħmillha ħsara kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi.

U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ikkommetejt ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra f'dan il-Kodici, jew jekk ikun ipprovokat, jingurja b'mod li johrog barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi għas-sigurta` tal-imsemmija Jenny Sango Micallef, u minn issa tapplika l-proveddimenti tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tagħmel Ordni ta' Protezzjoni taħt dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

F'każ ta' ħtija l-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta` ta' Jenny Sango Micallef ai termini tal-Artikolu 383 et. seq. tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba ukoll li f'kaz ta' htija titratta lill-imputat bhala li sar recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal- Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta liema sentenzi kienu moghtija lil Ricardo Micallef u li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tal-22 ta' Frar 2019 ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[1]

Wara li rat li l-Avukat Generali nhar it-13 ta' Jannar 2021 ipprezenta formalment l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputat ghandu jigi aggudikat minn din il-Qorti u jinstab hati u cioe[2]:

a. fl-artikoli 31, 202 (h) (i) (iv), 214, 215, 216 (1) (a) (ii) (iii) (b) (d) (2), 222 (1) (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

b. fl-artikolu 339 (1) (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. fl-artikolu 339 (1) (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. fl-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

e. fl-artikoli 7, 8, 9, 10, 11, 12, 13, 14, 15, 15A, 16, 17, 19, 22 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

f. fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

g. fl-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul is-seduta tas-16 ta' Novembru 2021 din il-Qorti, wara li gew moqrija l-istess artikoli tal-gudizzju ai termini tal-Artikolu 370(3) (b) tal-Kodici Kriminali, staqsiet lill-imputat jekk kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat zmien xieraq biex iwiegeb ghal din il-mistoqsija, wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u l-Qorti ghalhekk hadet nota bil-miktub ta' din it-twegiba

[1] Folio 12 ta' l-atti processwali
[2] Folio 212 ta' l-atti processwali

fil-process ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodici Kriminali u kkonvertiet ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[3]

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif inhi diversament ippreseduta nhar l-10 ta' Mejju 2019 b'digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim' Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi LL.D.[4]

Rat li fl-udjenza tat-13 ta' Gunju 2019 l-partijiet iverbalizzaw li ezentaw din il-Qorti kif inhi ppreseduta milli terga tisma lix-xhieda kollha prodotti minn din il-Qorti kif kienet diversament ippreseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta. [5]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta;

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar is-16 ta' Novembru 2021.[6]

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar is-6 ta' Lulju 2022.[7]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet nhar is-27 ta' Lulju 2022.[8]

Rat l-atti kollha

---

[3] Folio 220 ta' l-atti processwali
[4] Folio 76A ta' l-atti processwali
[5] Folio 80 ta' l-atti processwali
[6] Folio 220 ta' l-atti processwali
[7] Folio 238 ta' l-atti processwali
[8] Folio 246-250 ta' l-atti processwali

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz imur lura ghal nhar il-21 ta' Frar 2021 ghal-habta tat-15:00hrs fil-vicinanzi tal-Iskola Primarja ta' Rahal Gdid, meta l-imputat kellu xi jghid ma martu Jenny Sango Micallef. Il-konsegwenza ta' din l-aggressjoni kienet li l-vittma Jenny Sango Micallef allegatament sofriet griehi gravi.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

**L-Ispettur Hubert Cini[9],** stazzjonat fl-Ghassa ta' Hal Luqa, xehed fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2019. Spjega li fil-21 ta' Frar 2019 gie infurmat minn PS 1257 Konrad Ellul li dakinhar wara nofsinhar, il-Pulizija kienu accedew fil-bandli li hemm vicin Triq Guze` D'Amato, Rahal Gdid u sabu mara mal-art bid-demm ma wiccha. Din il-mara kienet Jenny Sango Micallef u kienet qalet li r-ragel taghha, li hu l-imputat Ricardo Micallef, kien aggrediha. Kienet intalbet l-assistenza ta' ambulanza, li hadet lill-vittma l-Isptar. Ix-xhud kien ta struzzjonijiet biex immedjatament jinforma lill-imputat li qieghed taht arrest. Kien gie nnutat li l-imputat kellu ukoll xi griehi konsistenti ma brix f'idejh u ghalhekk ittiehed fic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid ghall-kura. Wara gie skortat lejn l-Ghassa ta' Hal Luqa fejn ix-xhud hadlu stqarrija wara li l-imputat ikkonsulta lill-Avukat tieghu Dr Carmelo Mifsud Bonnici LL.D. L-imputat stqarr li kien iltaqa' mal-

[9] Fol. 17-20 tal-atti processwali;

eks mara tieghu fil-bandli ta' Rahal Gdid waqt li kellha maghha t-tifla taghhom. Hekk kif it-tifla marret biex tkellmu, Jerry Sango Micallef qabdet targumenta mieghu biex ma jkellimhomx u imbuttatu u qal li ma jafx x'gara aktar minn hekk u filfatt, meta gie mistoqsi jekk kienx aggrediha, l-imputat baqa' sieket. Gew provduti ukoll certifikati medici li ccertifikaw il-griehi sofferti minn Sango Micallef bhala gravi.

Ix-xhud esebixxa wkoll ir-rapport ta' l-incident li ggib ir-referenza NPS 3/F/222/2019.[10] Illi minn dan ir-rapport irrizulta li nhar il-21 ta' Frar 2019 marret tirraporta l-Ghassa ta' Rahal Gdid certu Jenny Sango Micallef li l-ex partner taghha, certu Ricardo Micallef kien qieghed icemplilha fuq il-mobajl u jghidilha li jekk ma thallix jitkellem mat-tifla z-zghira mhux ser ihalli it-tifla l-kbira tmur ghandha u dan il-ghaliex it-tifla z-zghira tghix ma ommha u t-tifla l-kbir tghix ma missierha.

L-Ispettur sussegwentement fl-udjenza ta' l-20 ta' Gunju 2019 esebixxa c-certifkat taz-zwieg ta' bejn l-imputat u l-parte civile Jenny Sango Micallef[11] kif ukoll ic-certifikat tat-twelid tal-minuri Hazel Sango Micallef waqt l-udjenza tat-2 ta' Settembru 2019.[12]

L-ispettur Hubert Cini[13] rega' xehed waqt is-seduta tas-16 ta' Novembru 2021 fejn huwa pprezenta tlett certifikati mill-Filippini li gew ezebiti[14] a Fol.224-227.

**Il-*parte civile* Jenny Sango[15]** xehdet fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2019. Hija stqarret li fil-21 ta' Frar 2019 filghodu kellha l-Qorti mal-imputat li hu l-eks ragel taghha u dan kien hedded lis-sieheb il-gdid taghha Charlie Borg li *"illum ha noqtolha lil din il-mara"*[16]. Kompliet tistqarr li kien hemm diversi episodji ta'

[10] Dok HC3, Folio 6-8 ta' l-atti processwali
[11] Dok HC6, Folio 88 ta' l-atti processwali
[12] Folio 128 ta' l-atti processwali
[13] Fol. 222-223 ta' l-atti processwali
[14] Dok HC1-HC3, Folio 196-198 ta' l-atti processwali
[15] Fol. 26-31 ta' l-atti processwali
[16] Folio 26 ta' l-atti processwali

theddid simili qabel izda hija ma tirrapportax minhabba t-tfal. Dakinhar wara nofsinhar, ghall-habta tas-14:30hrs iddecidiet li tmur taghmel rapport l-Ghassa ta' Rahal Gdid. Wara, ghall-habta tat-15:30hrs, gabret lit-tifla mill-iskola u hija u miexja lejn id-dar, raha l-imputat u mar fuqha u filwat li qalilha *"illum ha noqtlok"*[17] qabadha minn xaghrha u taha daqqiet fuq wiccha u rasha b'cavetta tal-karozza li kellu f'idu tant li intilfet minn sensieha. Waqt l-attakk, l-imputat gidimha ukoll u kissrilha l-*mobile phone* u dan kollu sehh fil-prezenza tat-tifla z-zghira taghha li kellha seba' snin. Fi kliem il-*parte civile*, dak il-hin kien hemm xi nies fuq il-post, inkluz ghalliema u infermiera, li marru jaraw ghalfejn kien hemm kommossjoni. Il-*parte civile* ipprezentat ritratti taghha[18], mehuda mis-sieheb taghha, li jindikaw il-griehi sofferti u indikat lill-imputat fl-awla bhala l-persuna li kien aggrediha. Minn dawn ir-ritratti tidher il-parte civile waqt li kienet qeda tiehu l-kura gewwa l-Isptar. Jidher b'mod car id-daqqiet li kellha go wiccha kif ukoll demm u tbengil u feriti f'partijiet ohra ta' gisimha

Kompliet tispjega illi rizultat tal-griehi li sofriet, inzammet l-Isptar ghall-osservazzjoni u qed tiehu trattament kontra l-ugiegh kif ukoll ghajnuna ghat-trawma li ghaddiet minnha. Ix-xhud ikkonfermat ic-certifikat mediku esebit fl-atti.

Finalment ix-xhud esebit vera kopja ta' dokumenti relatati ma proceduri ohra kontra l-imputat relatati mas-separazzjoni taghhom kif ukoll access ta' binthom il-minuri.[19]

Fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2022 regghet xehdet il-*parte civile* Jenny Sango Micallef[20] in kontro ezami. Spjegat li malli sar l-inkontra ma zewgha hdejn il-bandli, mill-ewwel mar fuqha u filwaqt li aggrediha, qalilha "ha noqtlok issa" u kien biss wara l-incident li qalilha li ried ikellem lit-tifla z-zghira. Iccarat li

[17] Folio 27 ta' l-atti processwali
[18] Dok JSM1, Folio 32-39 ta' l-atti processwali
[19] Dok JSM2, Folio 40-44 ta' l-atti processwali
[20] Fol. 235-237 ta' l-atti processwali

f'dak iz-zmien kien hemm ordni tal-Qorti sabiex l-imputat ma jersaqx lejn it-tifla. Ikkonfermat li ghalkemm illum titkellem mal-imputat, specjalment fejn jidhlu t-tfal, xorta ghad ghandha interess fil-proceduri odjerni.

Fis-seduta tat-8 t'April 2019 xehdet **Kimberly Johnston**[21], li waqt li sehh l-incident mertu ta' dawn il-proceduri kienet qieghda fl-iskola ta' Rahal Gdid fejn hija tahdem fil-Klabb 3-16. Tiftakar li kienet semghat storbju u kommossjoni u meta marret barra biex tara x'kien gara, rat mara li kellha xi dmija ma wiccha u kienet qed izzomm rasha. Spjegat illi hija kienet ghadha kemm tat it-tifla lil din il-mara. It-tifla jisimha Hazel. Kienet rat ukoll ragel, li gharfet fl-awla bhala l-imputat, prezenti fuq il-post lejn nofs it-triq fejn kien qed jikkalmah ragel iehor li deher irrabjat li waqaf bil-karozza. Minn naha taghha, ix-xhud marret iggib *ice pack* u xi *tissues* u taghthom lil din il-mara li bdiet tghid li kien sawwatha r-ragel. Iccarat li l-ghajjat li kienet semghat kien l-ghajjat ta' mara u hi kienet damet ftit biex tohrog minhabba li kienet bit-tfal fl-iskola. Ma ratx l-incident isehh u giet mitluba sabiex idahhal lit-tifla lura gol-iskola ghaliex kienet ixxukjata. Ix-xhud wara li rat Dok JSM1, ikkonfermat li l-mara li kienet ma l-art kienet il-parte civile Jenny Sango Micallef.

Fl-istess seduta xehed **Paul Fenech**[22], li ukoll kien fl-inhawi tal-iskola ta' Rahal Gdid, fejn huwa jahdem, meta sehh l-incident. Spjega li kien ra mara mal-art izzomm rasha fuq bankina ftit 'l isfel mill-iskola vicin tal-bandli. Ma rax l-incident isehh izda gharaf fuq il-post lill-imputat Ricardo Micallef li huwa gar tieghu. Stqarr li l-mara li kienet qed izzomm rasha dehret li kienet wicc familjari ukoll. Ix-xhud wara li ra Dok JSM1, ikkonferma li l-mara li kienet ma l-art kienet il-parte civile Jenny Sango Micallef.

Fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2019 xehed **Jan Mallia Azzopardi**[23], *Principal Counsellor* fil-Kullegg San Gorg Preca. Ikkonferma li kien hadem ma minuri

[21] Fol. 49-53 ta' l-atti processwali
[22] Fol. 54-57 ta' l-atti processwali
[23] Fol. 82-84 ta' l-atti processwali

jisimha Hazel Micallef sa minn April 2019 wara li kien hemm *referral* mill-Agenzija Appogg ghax it-tifla kienet allegatament trawmatizzata minn incident li hija kienet esposta ghalih hdejn l-iskola li kien jinvolvi l-genituri taghha. Esprima l-fehma li t-tifla kienet fi stat li tixhed jekk il-mistoqsijiet isiru b'mod semplice u li ma xtaqitx tixhed quddiem missierha.

Fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2019 xehdet il-minuri **Hazel Angohy Micallef**[24], bil-lingwa Ngliza permezz tal-*video conferencing*. Ikkonfermat li l-incident sehh waqt li ommha marret tigborha mill-iskola bil-karozza u kien hemm missierha hdejn il-bandli, li hekk kif ra lill-ommha haffef ghal hdejha. Semghat lil ommha tghid lil missierha sabiex ma jibqax icemplilha u f'daqqa u l-hin, missierha qabad jaghti lill-ommha bic-cavetta tal-karozza bil-konsegwenza li ommha bdiet tghajjat ghall-ajjut u wara ftit waqghet mal-art.

*"Mag: Okay and did your dad say something to your mum do you remember?*

*Xhud: No he just started hitting her with his car key."*[25]

It-tifla ikkonfermat li fil-vicinanza kien hemm nies ohra li bdew jipprovaw jaghtu l-ghajjut u kien hemm min cempel ghall-assistenza tal-pulizija u ambulanza filwaqt li missierha beda jghidilhom biex ihalluha.

*"Mag: Yes. Can you tell me what you remember your daddy saying while this was happening?*

*Xhud: Yes he said that while he was hitting her he said it was fine, to leave her alone as well."*[26]

Ix-xhud kompliet tghid ukoll li l-imputat baqa jaghti lill-ommu sakemm gie imwaqqaf.

*"Mag: Any why did she fall?*

[24] Fol. 137-145 ta' l-atti processwali
[25] Folio 142 ta' l-atti processwali
[26] Folio 142 ta' l-atti processwali

*Xhud: Because he was hitting her she was standing up then she fell.*

*"Mag: Then what happened, how did your Daddy stop hitting Mummy? What happened?*

*Xhud: There was the ambulance it was trying to stop him"*[27]

Fi kliem it tifla, kien hemm bzonn erba jew hamsa minn nies sabiex irazznu lil missierha. Mistoqsija ghal aktar dettalji dwar kif sehhet l-aggressjoni, it-tifla spjegat li ommha qalghat madwar ghoxrin daqqa hdejn rasha. Waqt l-incident, it t-tifla kienet fil-karozza tal-omm.

Fis-seduta tat-2 ta' Settembru 2019 xehed **PS 1257 Conrad Ellul**[28], stazzjonat fl-Ghassa ta' Rahal Gdid, li spjega li nhar il-21 ta' Frar 2019 ghall-habta tat-15:30hrs gie nfurmat mill-*control room* sabiex imur hdejn l-iskola ta' Rahal Gdid minhabba li kien sehh argument hemmhekk. Kienet issejhet ukoll l-assisteza ta' ambulanza. Hekk kif wasal fuq il-post, ix-xhud sab persuna femminili bilqieghda fuq il-bankina u din kellha xi dmija ma wiccha. Il-vittma kienet qalet lix-xhud li kienet qalghet xebgha minghand ir-ragel taghha certu Ricardo Micallef. Kompliet tispjega li kienet giet aggredita minn Micallef hekk kif marret tigbor lit-tifla mill-iskola. Dan beda jghidlilha *"I'm going to kill you"* u jghajarha *"bitch"*.[29] Ix-xhud ircieva struzzjonijiet minghad l-Ispettur Hubert Cini sabiex jarresta lil Micallef kif fil-fatt ghamel. Micallef kien ittiehed fic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid sabiex jircievi kura ghal xi griehi li kellu f'idejh. Ix-xhud ezebixxa r-rapport dwar l-okkorrenza mertu tal-proceduri.[30]

Minn dan ir-rapport irrizulta li kien hemm argument quddiem l-iskola primarja ta' Rahal Gdid u kienet giet ambulanza in vista tal-fatt li kien hemm persuna li soffriet griehi. Il-persuna derbuta kienet il-parte civile Jenny Sango Micallef u kienet bilqeda fuq bankina b'demm nizel ma wiccha. Il-vittma spejgat:

---

[27] Folio 143 ta' l-atti processwali
[28] Fol. 122-124 ta' l-atti processwali
[29] Folio 123 ta' l-atti processwali
[30] Dok CE1, Folio 125-127 ta' l-atti processwali

*"Hi qalet li hi marret biex tigbor lit-tifla mill-iskola u sabet li r-ragel taghha kien hemm ukoll u mar fuqha u qalilha 'You think that I am scared of you. I'm going to kill you' u beda jtiha waqt li beda jsawwatha beda jghajjarha bitch ukoll."*[31]

Fl-istess rapport hemm imnizzel:

*"Hawnhekk inghata d-dritt li jikkonsulta ma l-avukat tieghu liema dritt ghogbu li jezercitah fejn wara li bdiet l-interrogazzjoni Micallef qal li kien il-bandli ma persuna ohra u ra lit-tifla z-zghira hierga mill-iskola u mar biex ikellimha. Kif mar biex ikellimha marret il-mara tieghu fuqu u ma riditux ikellimha u mbuttatu minn wiccu u minn hemmhekk ma jafx iktar x'gara."*[32]

Fis-seduta tal-14 t'Ottubru 2019 xehed **Jesmond Micallef**[33], adett fic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid bhala sewwieq tal-ambulanza. Huwa kien irrisponda ghall-incident odjern fejn meta accede hdejn l-iskola ta' Rahal Gdid, sab zewg persuni mal-art, li huwa identifika bhala l-*parte civile* u l-imputat. Il-*parte civile* kellha wiccha bid-demm u dehret agitata ferm. Minn naha tieghu, ix-xhud ha hsieb li jikkalma ukoll lill-imputat, fejn dan obda l-ordnijiet u ma rrezistiex. Ghalkemm ix-xhud ma rax l-incident isehh, assuma li l-imputat kien aggredixxa lill-*parte civile* filwaqt li l-parte civile stess dak il-hin qaltlu li giet imsawwta. Ix-xhud kien ta' struzzjonijiet ukoll sabiex il-minuri li kien hemm prezenti tigi assistita gewwa l-Iskola.

Fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2019 xehdet **it-Tabib Dr Carina Debattista**[34] li halfet u pprezentat ir-relazzjoni li hija ghamlet dwar il-griehi sofferti mill-*parte civile* Jenny Sango Micallef.[35] Ikkostatat li l-*parte civile* sofriet lacerazzjoni f'wiccha li halliet cikatrici li tiedher *from a walking distance* kif ukoll ugiegh dewwiem f'rasha, wiccha, imnieherha u dahra li ghadu jippersisti. Dan apparti

[31] Folio 126 ta' l-atti processwali
[32] Folio 127 ta' l-atti processwali
[33] Fol. 146-149 ta' l-atti processwali
[34] Fol. 153-154 ta' l-atti processwali
[35] Dok CD1, Folio 155-164 ta' l-atti processwali

li ssofri minn dipressjoni u fil-prezent qed tircievi ghajnuna psikologika u psikjatrika.

Fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2020 xehdet **WPC 400 Maria Grixti[36],** stazzjonata fl-Ghassa ta' Rahal Gdid. Spjegat li fil-21 ta' Frar 2019 il-*parte civile* Jenny Sango Micallef marret l-Ghassa taghmel rapport minhabba li hi mhux qed jaghti access lir-ragel taghha Ricardo Micallef mat-tifla z-zghira minhabba li hu mhux qed jaghtiha access mat-tifla l-kbira. Ix-xhud gharfet ir-rapport relattiv fl-atti.[37]

Fis-seduta tat-2 t'Ottubru 2020 xehed **it-Tabib Dr. Daniele Lauretta Agius[38]** Med Reg No: 3938, adett fl-Isptar Mater Dei, li gharaf u kkonferma c-certifikat redatt minnu li kien gie ezebit mill-ufficjal prosekutur.[39] Huwa kien ezamina lill-*parte civile* Jenny Sango Micallef nhar il-21 ta' Frar 2019 gewwa l-Isptar Mater Dei ghall-habta tas-18:00hrs. Kien sab illi qed issofri minn diversi lacerazzjonijiet u abbrazjonijiet mar-ras u l-wicc, ksur tal-*medial wall* tal-*orbit* tal-ghajn leminija kif ukoll nefha u tbengil hdejn dik l-ghajn kif ukoll diversi grif ma partijiet ohrajn tal-gisem. Dawn il-griehi gew klassifikati bhala ta' natura gravi.

Fl-istess seduta xehdet **l-Avukat Dr Rebecca Muscat[40]** li b'referenza ghar-ritratti ezebiti a Fol.32-39, ikkonfermat li hija kienet hadithom waqt li kienet mal-*parte civile*, il-klijenta taghha, fl-Isptar Mater Dei.

Fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2022 xehed minn rajh **l-imputat Ricardo Micallef[41]**. Spjega kif fil-jum in kwistjoni ghall habta tat-15:00hrs, huwa kien fil-vicinanzi tal-iskola ta' Rahal Gdid minhabba li kien qed jakkumpanja persuna ohra ghal appuntament fil-vicinanzi. Kif kien hdejn il-bandli sema' lit-tifla z-zghira, Hazel, tghajjatlu u mar hdejha biex ikellimha. Wara ftit giet ommha u filwaqt li

[36] Fol. 180-182 ta' l-atti processwali
[37] Dok HC3 esebit a Folio 6-8 ta' l-atti processwali
[38] Fol. 191-193 ta' l-atti processwali
[39] Dok HC5, Folio 11 ta' l-atti processwali
[40] Fol. 228-229 ta' l-atti processwali
[41] Fol. 239-244 ta' l-atti processwali

bdiet timbuttah mit-tifla, qaltlu *"ha mmur ghax mghaggla"* u bdiet targumenta mieghu. Minn hemm ma jafx x'gara ghajr li waqa' mal-art u kellmu ragel li identifika ruhu bhala *"ufficjal tal-Gvern"* u ghenu jqum bil-wieqfa. Spjega li f'dak iz-zmien, il-*parte civile* kienet bdiet proceduri ta' separazzjoni personali kontra tieghu u kellu access limitat ghat-tifla z-zghira, bis-supervizjoni tal-Agenzija Appogg. Stqarr li llum il-gurnata ir-relazzjoni mal-*parte civile* hija wahda kordjali tant li anke` kiel ghandha fl-ahhar zmien u li fiz-zmien tal-incident kien *"veru dispjacut"* minhabba li ma kienx qed jara lit-tifla filwaqt li kkonceda li *"erfajt idejja"*.

**Ikkunsidrat**

**L-Stqarrija ta' l-imputat**

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-istqarrija[42] ta' l-imputat ittiehdet nhar il-21 ta' Frar 2019, u cioe dakinhar stess tal-incident gewwa l-Ghassa tal-Pulizija, ta' Hal Luqa fl-ufficju ta' l-Ispettur Hubert Cini fil-prezenza ta' PC 9 Aaron Cini u dan wara li kien inghata s-soliti twissija ta' xiex gie investigat u wara li nghatalu d-drittijiet kollha tieghu dwar il-jedd li jikonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni, fejn fil-fatt, ghazel li jikkonsulta mal-Avukat Dr Carmelo Mifsud Bonnici permezz ta' telefonata.

Illi fl-istqarrija l-imputat ghazel li ma jiffirmax l-istqarrija tieghu u wiegeb ghal-uhud mid-domandi li sarulu.

Illi mill-istqarrija ta' l-imputat jirrizulta li l-imputat u l-mara tieghu Jenny Sango Micallef kienu ghaddejin minn separazzjoni u ma kienux jghixu flimkien. L-imputat jikkonferma li dak in-nhar ta' l-incident hu kien fuq il-post u jispjega dak li gara.

[42] Folios 9-10 ta' l-atti processwali

*"Jien kont ma habib tieghi u morna biex inkelmu persuna u rajt it-tifla u mort inkellimha fejn l-iskola ta' Rahal l-Gdid u t-tifla Hazel kienet gejja tkellimni, u l-eks mara qabdet targumenta mieghi u qaltli biex ma nkellimx lit-tifla, u giet timbuttani u imbaghad ma nafx x'gara that's all."*[43]

Meta kien mistoqsi dwar jekk hu tax xi daqqiet lill Jenny Sango Micallef jew jekk kelliex xi feriti f'rasha jew jaf kif spiccat bid-demm ma wiccha ghazel li ma jwegibx filwaqt li spjega li hu wegga f'subghajh ghalkemm ma jafx kif wegga.

**Ikkunsidrat**

**Kunsiderazzjonijiet legali**

Illi l-Avukat Generali fir-rinvija ghall-guddizju jindika l-artikoli 202(h)(i)(iv), 216 u 222(1) tal-Kodici Kriminali fost ohrajn li bihom l-imputat ghandu jinstab hati.

Il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi** fejn l-principji li jirregolaw il-klassifikazzjoni ta' griehi ghall-fini ta' proceduri kriminali huma ben stabbiliti fl-ordinament guridiku taghna, fejn jinsab ritenut pacifikatament illi:

*"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant talfatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi neccessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fiddawl*

[43] Folio 10 ta' l-atti processwali

*mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."*[44]

Di piu fis-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Dingli**[45] intqal:

*"… ghall-finijiet tal-artikolu 216 jekk hemmx sfregju jew le hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant … u dan kien perfettament intitolat li jasal ghal konkluzjoni differenti minn dik li wasal ghaliha l-espert tal-Qorti."*

Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **Il-Pulizija vs Fortunato Sultana**[46] fejn gie spjegat:

*"Mir-ritratti ezebiti u li ttiehdu ftit hin wara l-incident meritu ta' l-akkuza, jirrizulta bl-aktar mod car li dana Curmi soffra offizi ta' natura gravi fittermini ta' l-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Skond din id-disposizzjoni, l-offiza fuq il-persuna hi gravi jekk, fost cirkostanzi ohra, iggib sfregju fil-wicc. Il-Ligi ma tirrikjedix li dana l-isfregju jipperdura ghal xi zmien partikolari, sfregju fil-wicc (jew fl-ghonq jew f'wahda mill-idejn) anke ta' ftit granet jibqa' sfregju ghal finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni, il-permanenza ta' l-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', taghti lok ghal hekk imsejjha "offiza gravissima" skond l-Artikolu 218(1)(b) talKodici Kriminali."*

Fir-rigward, il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li ntqal sussegwentement mill-istess Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich**[47],

*"Kif din il-Qorti kellha l-opportunita` li tirrimarka f'okkazzjonijiet ohra, l-isfregju ('disfigurement') fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal, per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-kaz tal-hekk imsejjha 'offiza gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre lgravita`) ta' l-isfregju. Mir-ritratti esibiti din il-*

[44] Qorti tal-Appell Kriminali, deciza 30 ta' Lulju 2004
[45] Deciza fit-12 ta' Settembru 1996
[46] Deciza 5 ta' Frar 1998
[47] Deciz fit-2 ta' Settembru 1999

*Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkwalifika l-offiza f'wicc Sultana bhala sfregju (ghalkemm mhux gravi u anqas permanenti) peress li dik l-offiza kienet tiddisturba l-armonija tal-lineamenti tal-wicc u kienet tidher minn distanza normali."*

**Ikkunsidrat**

Illi minn dak li rat u semghet il-Qorti ma hemmx dubju li fil-jum ta' l-incident l-imputat u l-parte civile kienu quddiem l-iskola primarja ta' binthom fil-hin li tispicca l-iskola. Illi l-anqas jirrizulta li huwa kkontesta li l-imputat u l-parte civile raw lill xulxin u li kien hemm inkontru b'tali mod li l-parte civile spiccat l-isptar b'feriti gravi u cikatrici li baqghu jidhru.

Illi filwaqt li fl-istqarrija, l-imputat ma jaghtix certu spjegazzjonijiet jikkonferma li hu wkoll spicca ferut. Fuq il-pedana tax-xhieda ikkonferma li refa idejh fuq martu. Oltre dan din il-Qorti kellha l-opportunita li tisma lil binthom li kienet prezenti u rat kollox isseh quddiem ghajnejha. Certament esperjenza bhala dik fuq binthom mhix ser tintessa u certament hasset il-piz li tigi tirrankonta dak li rat quddiem mal-Qorti f'ambjent u nies mhux familjari ghaliha. Ix-xhieda ta' binthom ikkoroborat dak li xehdet ommha u wkoll dak li xehdu xhieda ohra li waslu fuq il-post sabiex jaghtu l-ghajnuna.

Il-Qorti m'ghandix dubju li l-persuna li kien ta xeba lil martu ta' dak iz-zmien Jenny Sango Micalef kien l-imputat u tqis li l-verzjonijiet tax-xhieda tal-prosekuzzjoni bhala verosimili u ghandhom mis-sewwa.

Illi ghar-rigward l-addebitu tar-recidiva, l-Avukat Generali indika l-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali. Madankollu l-Qorti tara li ghajr ghall-fedina penali, il-prosekuzzjoni ma ressqitx prova sufficjenti sal-grad rikjest mill-ligi u ghaldaqstant sejra tghaddi sabiex tilliberah minn l-addebitu tar-recidiva.

**Ikkunsidrat**

Illi ghal-finijiet ta′ piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b′zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

-L-imputat qatt ma wera dispjacir ghall-imgieba tieghu lejn martu u prova jiggustifika l-agir tieghu minhabba dispjacir tieghu separat relatat ma l-access ta′ bintu l-minuri.

-Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali ta′ l-imputat.[48] Il-fedina penali ta′ l-imputat ghalkemm mhiex netta ma fiha xejn alarmanti u ma hemmx registrati sentenzi relatati ma din it-tip ta′ imputazzjoni.

- Il-Qorti tosserva li dan huwa kaz ta′ vjolenza domestika u li minn dak dikjarat mill-vittma kienet ilha soggetta ghat-theddid. L-agressjoni li giet subita mill-vittma kien ta vjolenza fil-wicca u r-ras b′arma regolari (cavetta). Illi din l-aggressjoni saret fil-pubblika, quddiem skola, fil-presenza ta′ bintu ta′ seba snin. Irrizulta wkoll li wara li ghamel l-aggressjoni, minflok l-imputat ghin jew telaq minn fuq il-post huwa beda jghid lil dawk prezenti biex ma jindahlux ghaliex dik martu u bhal donnu bid-dritt li zzomm id-dominanza fuqha f′dak l-istat tant vunerabbli meta kellha bzonn il-kura. Illi din l-attitudni ma tistax tigi njorata u ghandha tigi ikkunsidrata meta wiehed iqis ic-cirkostanzi tal-kaz shih.

- Mix-xhieda ta′ l-imputat irrizulta li illum il-gurnata s-sitwazzjoni bejnhu u martu illum ikalmat sew u ghandhom relazzjoni amikevoli u sahansitra anke tilqghu go darha sabiex ikollu access ma binthom.

-Illi l-Avukat Generali ghamel referenza ukoll ghall-artikolu 222(1)(a) tal-Kodici Kriminali li tghid li piena ghandha tizdied bi grad skond dak imsemmi

[48] Folio 5 ta' l-atti processwali

fl-artikoli 31 tal-Kodici Kriminali meta l-offiza issir fuq persuni imsemmija fl-artikolu 202(h) tal-Kodici Kriminali.

- Illi fis-sottomissjonijiet finali taggha, il-prosekuzzjoni talbet lill-Qorti sabiex tikkunsidra piena alternattiva ghal dik wahda karcerarja. Il-parte civile abbracjat ma din il-posizzjoni u minn naha taghha ikkonfermat ukoll li illum il-gurnata qed ikun hemm access li qed issir b'mod regolari. Minn naha taghha l-parte civile talbet li jinhareg Ordni ta' Trazzin f'kaz li tinstab htija.

Ghar-rigward din it-talba, l-Qorti ma tistax tifhem x'inhu l-iskop tat-talba ghall-Ordni tat-Trazzin meta minkejja li l-parte civile kellha Ordni ta' Protezzjoni sas-sentenza finali xorta stiednet u laqghet l-imputat go darha. Illi Ordni ta' dan it-tip ma tistax tigi applikata liberalment u torbot sa certu punt anke l-parte civile li ma ggib lill-imputat f'sitwazzjoni fejn jista jiksirha. Ghaldaqstant din it-talba ser tigi michuda in vista tal-fatt li s-sitwazzjoni kif zviluppat illum il-gurnata ma timmeritax li tinhareg din it-tip ta' Ordni.

- Minn naha taghha d-difiza tenniet li illum il-gurnata l-partijiet saru amikevoli u ghandhom relazzjoni tajba li qeda tahdem u fil-prezenti huma divorzjati. Id-difiza spjegat li dan kien incident uniku f'cirkostanzi hziena waqt li kienu qed jisseparaw u jikwistinjaw dwar it-tfal taghhom. Ghalhekk id-difiza wkoll itenni li piena karcerarja m'ghandiex tkun il-piena adekwata tenut kont ic-cirkostanzi tal-kaz.

- Illi filwaqt li l-Qorti mhix marbuta ma ebda mis-suggeriment dwar il-piena imressqin mill-partijiet, il-Qorti tara li s-suggerimenti huma fil-parametri tal-ligi u legalment proponibbli.

- Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena u cioe', *(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by*

*deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.*

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe

a. l-artikoli 31, 202 (h) (i) (iv), 214, 215, 216 (1) (a) (ii) (iii) (b) (d) (2), 222 (1) (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

b. l-artikolu 339 (1) (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. l-artikolu 339 (1) (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. l-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

e. l-artikoli 7, 8, 9, 10, 11, 12, 13, 14, 15, 15A, 16, 17, 19, 22 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

f. l-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

g. u l-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

issib lil Ricardo Micallef **hati** ta' l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni dedotti kontrih filwaqt li ma ssibux hati u **tilliberah** mill-adebitu tar-recidiva u tikkundannah prigunerija ghal hames (5) xhur li bl-applikazzjoni tat 28A tal-Kodici Kriminali ghandha tigi sospiza ghal perjodu ta' sentejn millum.

Il-Qorti spjegat u fehmet lill imputat bi kliem car l-konsegwenzi u r-responsabilitajiet tieghu inkluz dawk taht l-artikolu 28B tal-Kodici Kriminali, skond l-artikolu 28A (4) tal-Kap .9 tal-Ligijiet ta' Malta. .

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta htija, minbarra li tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lil hati Ricardo Micallef ihallas lir-Registratur tal-Qorti l-ispejjez tal-esperti mahtura fl-inkjesta fis-somma komplessiva ta' **erba mija u tmienja u erbghin Euro u disa centezmi (€ 448.09)** u cioe' l-ispejjez hawn taht elenkati:

1. Spejjez tar-rapport ta' l-espert Dr. Katya Vassallo fl-ammont ta' €16.39[49]
2. Spejjez tar-rapport ta' l-espert Dr. Carina DeBattista fl-ammont ta' €431.17[50]

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi kkomunikata lir-Registratur tal-Qorti.

**Moghtija illum nhar il- 15 ta' Dicembru 2022 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**

[49] Folio 145 ta' l-atti processwali
[50] Folio 164 fuq wara ta' l-atti processwali